Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10467 — Insight/Francisco Partners/NMI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 365/06)

1. Fit-2 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Insight Venture Management, LLC, proprjetà kollha kemm hi ta' Insight Holdings Group, LLC ("Insight", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Francisco Partners Management, L.P. ("Francisco Partners", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— NMI Topco LLC ("NMI", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Insight u Francisco Partners jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' NMI.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Insight: ditta globali ta' kapital ta' riskju u ekwità privata li tispeċjalizza f'investimenti f'ekwità ta' tkabbir, akkwiżizzjoni, kapital għal fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet u rikapitalizzazzjoni u konċessjonijiet fi stadju aktar tard/medju/matur. Insight primarjament tinvesti fis-settur tat-teknoloġija, billi jiffoka fuq it-teknoloġija li tħares lejn il-konsumatur, u s-software bħala infrastruttura tas-software bbażata fuq is-servizz (software as a service, SaaS).

— Francisco Partners: ditta ta' ekwità privata ffokata esklużivament fuq investimenti fit-teknoloġija u n-negozju ffaċilitat mit-teknoloġija.

— NMI: pjattaforma tas-software għall-iffaċilitar tal-pagamenti f'isem kumpaniji tas-software jew bejjiegħa indipendenti tas-software (independent software vendor, ISVs), organizzazzjonijiet indipendenti tal-bejgħ (independent sales organizations, ISOs), istituzzjonijiet finanzjarji, u faċilitaturi tal-ħlas (payment facilitators, PayFacs). NMI tipprovdi infrastruttura tal-pagamenti bħala servizz b'funzjonalità ta' pagamenti omnichannel. NMI bħalissa hija kkontrollata minn Francisco Partners.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10467 — Insight/Francisco Partners/NMI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË